FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Lulju, 2002**

**Numru 23**

**Avviz numru 872/02JR**

**Attard Blue Mix Limited**

**vs**

**Philip Petroni**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 t'April, 2002, fejn intalab il-hlas ta' hames mija u hamsa u disghin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm595.53), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' materjal ikkonsenjat u xoghol esegwit fuq l-inakrigu u ghall-beneficcju tal-konvenut;**

**Nonostante interpellat diversi drabi, anke permezz ta' ittra ufficjali ta' l-20 ta' Marzu, 2002, il-konvenut baqa' nadempjenti minghajr raguni valida fil-Ligi;**

**Ghalhekk kellha ssir dina l-kawza kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni; Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Tanya Sammut ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u hamsa u disghin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm595.53), bl-imghaxijiet legali mit-8 t'April, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**